*It-tifkira ta' nies kbar tiswa wkoll biex tressaq lejn xulxin*
*in-nazzjonijiet u tgħaqqadhom f'rabta ta' ħbiberija u ta' għaj-*
*nuna flimkien billi kull nazzjon tista' titgħallem mill-għerf,*
*mis-sengħa u mill-għaqal ta' nazzjon oħra. Il-koltura, ix-xjen-*
*za u l-arti ma għandhomx limiti, huma jxerrdu barka u riżq*
*fuq in-nazzjonijiet kollha. imma l-aktar fuq dawk il-pajjiżi li*
*huma mhejjijin u mgħallmin biex jingdew b'dak ir-riżq u jis-*
*tgħallu dik il-barka. Aktar ma pajjiż ikollu nies kbar aktar tkun*
*imxiet 'il quddiem it-tħejjija tegħu biex jagħraf it-tajjeb mill-*
*ħażin u biex jitħarreġ fit-tagħlim.*

*Għalhekk il-lum it-tifkira tan-nies kbar hi meqjuma mhux*
*biss f'art twelidhom, iżda kull fejn il-popli għaddew 'il qud-*
*diem u fetħu moħħom. Hemm bosta għamliet ta' tifkira: sta-*
*twi, monumenti, bolli, ismijiet ta' bliet, ta' toroq u ta' mkej-*
*jen oħra. Dawn ifakkru l-isem biss u ma jagħtux ħjiel dwar*
*il-ħajja u l-ħidma tan-nies kbar li jfakkru. Dan isir biss bil-*
*kitba u wieħed jista' jaqrahom malajr u bla taħbit fid-dizzju-*
*narju bijografiku. F'dan il-ktieb wieħed isib tagħrif fuq nies*
*kbar li għamlu ġieh lil art twelidhom. Min stħoqqlu tifħir*
*għal ħaġa u min għal oħra, imma kull min wettaq xi ħidma*
*għall-ġid ta' niesu, jew ta' għajru, jew ta' art twelidu jsib post*
*f'dan id-dizzjunarju.*

*Aktar ma jkun mimli d-dizzjunarju bijografiku u aktar ma*
*ikollu ismijiet imniżżla fih, aktar jagħmel ġieh lil pajjiżu. Għal-*
*hekk il-lum hemm xejra fin nazzjonijiet ċivilizzati tad-dinja kol-*
*lha biex jinġabar tagħrif bijografiku dwar in-nies kollha li għam-*
*lu isem fil-pajjiż u jindamm fi ktieb jew dizzjunarju. Dan id-*
*dizzjunarju jiswa mhux biss għat-tagħlim li fih, imma wkoll*
*għall-ħeġġa li jqajjem f'qalb iż-żgħażagħ u għall-għożża lejn art*
*twelidhom li jnissel fihom.*

*Aħna f'Malta għad ma għandniex dan id-dizzjunarju bijo-*
*grafiku u dan hu nuqqas li jmissna nieħdu ħsiebu bla telf ta'*
*żmien. Aħna fiċ-ċokon tagħna għandna nies kbar li għamlu*
*ġieh u ġid lil artna u lil artijiet oħra u nistgħu b'wiċċna minn*
*quddiem niftaħru bihom. Xi tagħrif bijografiku fuq x'uħud*
*minn dawn il-kbar tagħna kien deher fil-perijodiku "L'Arte"*
*fl-1862. It-Tabib Stefano Zerafa fi ktejjeb li ħareġ fl-1858 sem-*
*ma dwar xi nies kbar Maltin. Xi bijografiji oħra dehru 'l hawn*
*u 'l hinn f'ġurnali u perijodiċi, imma ħadd s'issa għadu ma nda-*
*ħal biex ifittex, jistħarreġ u jiġbor tagħrif bijografiku fuq in-nies*



*kbar tagħna u jdommu f'dizzjunarju bijografiku. Tassew li dan*
*mhux xogħol ħafif u jeħtieġ għaqal, sabar u għerf, imma aħna*
*għandna nies mogħnija bil-ħeġġa u bil-ħabta għal dan ix-xogħol.*

*Aktar lura f'dan il-għadd ta' "Il-Malti" ssibu profil bijo-*
*grafiku fuq Monsinjur Caruana, bniedem politiku, diplomatiku,*
*Ġeneral u Isqof li ismu jingara fl-istorja ta' l-epoka ta' Napul-*
*jun. L-awtur ta' dan il-profil, is-Sur Robert Mifsud Bonnici, hu*
*kittieb profi fiku, studjuż ta' l-istorja ta' artna u ammiratur kbir*
*tan-nies kbar Maltin. Aħna nafu li s-Sur Mifsud Bonnici ilu*
*ħafna jqalleb u jfittex fuq il-ħajjiet u l-ħidmiet ta' niesna, u*
*naħsbu li kieku jindaħal hu għalbiex isawwar dizzjunarju bijo-*
*grafiku, dan il-ktieb sa fl-aħħar jara d-dawl. J'Alla s-Sur Robert*
*isib min jagħmillu l-ħila u j'Alla l-Bambin jisilfu l-għomor biex*
*naraw mimli dan in-nuqqas fl-patrimonju nazzjonali tagħna —*
*id-Dizzjunarju Bijografiku Nazzjonali.*

---

## IT-VIII TA' SETTEMBRU 1565

### *Ta'* PATRI MATTEW KAPPUĊĊIN

Waqaf il-ġlied u l-qtil mingħajr mogħdrija!
Minn kull fejn tgħaddi Torok maqtulin,
Riħa ta' dħaħen u triqat mimlija
Bċejjeċ t'azzar u t'iġsma tal-mejtin.

Swar minfudin, għadajjar kbar ta' dmija,
Djar ta' taħt fuq, imqades imġarrfin;
'Ma ragħda t'ilħna jgħajtu ferreħija
Dwiet qalb il-ħerba: "Malta tal-Maltin!"

U fuq kull dar jew fejn kien fadal kamra,
Wara Sant'Iermu, perpru ma' kull riħ
Lwien il-bandiera tagħna, bajda w ħamra.

Lemaħha La Vallette rebbieħa mtallgħa,
Beka bil-ferħ, għax Malta żammet sħiħ,
Mar San Lawrenz ma' niesna jrodd ħajr 'l Alla.